MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2015

Mandat Numru. 116/2015/1

**Maria Palma Borg (I.D. 409741(M)**

***kontra***

**Victor Borg (I.D. 731940M)**

**Il-Qorti :**

**I.** **<u>Preliminari</u>**

Fit-18 ta` Mejju 2015 ir-rikorrenti pprezentat rikors fejn *wara* li ppremettiet illi hija kienet bdiet proceduri ta` separazzjoni kontra l-intimat, liema proceduri kienu jinsabu fl-istadju ta` medjazzjoni, *u wara* li ppremettiet li ghandha interess li thares id-drittijiet taghha, in kawtela tad-drittijiet taghha, talbet il-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") kontra l-intimat sabiex (a) ma jithalliex ibiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b`titolu oneruz jew gratuwitu xi ishma f`xi socjeta` kummercjali u/jew stocks u/jew bonds jekk dawk l-ishma, stocks jew bonds jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti ; u (b) ma jithalliex jaghmel xi dejn jew garanzija li tkun ta` piz fuq il-komunjoni tal-akkwistiin kawtela tad-drittijiet taghha kontra l-intimat sabiex in kawtela tad-drittijiet taghha.

Fit-18 ta` Mejju 2015, il-Qorti tat digriet fejn wara li laqghet it-talba tar-rikorrenti provizorjament, ordnat in-notifika lill-intimat, taghtu ghaxart (10) ijiem zmien biex jipprezenta risposta bil-miktub u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghal nhar it-Tlieta, 2 ta` Gunju 2015, fis-1.30 p.m.

Sal-udjenza tat-2 ta` Gunju 2015 l-intimat ma kienx notifikat kif fuq premess.

Fil-11 ta` Gunju 2015, l-intimat kien notifikat bir-rikors u bid-digriet, u pprezenta risposta fis-16 ta` Gunju 2015 fejn in sostanza cahad il-fondatezza tat-talbiet tar-rikorrenti.

Fl-udjenza tas-16 ta` Gunju 2015, il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet, rat id-dokument markat MPB li pprezentat ir-rikorrenti, u halliet ir-rikors ghall-ghoti ta` provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

**II.** **<u>L-Art 876 tal-Kap 12</u>**

Fl-udjenza tas-16 ta` Gunju 2015, id-difensur tar-rikorrenti ddikjarat li l-istanza tal-assistita taghha hija bbazata fuq l-**<u>Art 876 tal-Kap 12</u>**.

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*(1) Meta parti fiz-zwieg tkun ghamlet jew tkun se taghmel quddiem il-Qorti Civili kawza ghal separazzjoni personali, il-parti tista' titlob lil dik il-qorti li tohrog mandat ta' inibizzjoni :*

*(a) kontra l-parti l-ohra fiz-zwieg fejn ma thallix lil dik il-parti l-ohra li tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi ishma f'xi socjetà kummercjali jekk dawn l-ishma jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti ; jew*

*(b) kontra xi socjetà li fiha l-parti l-ohra jkollha maggoranza tal-ishma li jkunu tal-komunjoni tal-akkwisti milli tbiegh, tnehhi, titrasferixxi jew xort'ohra tiddisponi sew b'titolu oneruz jew gratuwitu, xi proprjetà immobbli jew jeddijiet marbutin maghha li tkun proprjetà ta' dik is-socjetà kummercjali ; jew*

*(c) kontra l-parti l-ohra fiz-zwieg milli taghmel xi dejn jew garanzija li tkun ta' piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti.*

*(2) It-talba msemmija fis-subartikolu (1) tista' ssir f'kull zmien wara li r-rikors ikun ipprezentat quddiem il-Qorti Civili u sakemm tinghata s-sentenza finali ghal dik l-azzjoni ta' separazzjoni jew divorzju. It-talba tista' wkoll issir fejn hi l-parti l-ohra li ghamlet ir-rikors.*

*(3) Mandat mahrug taht dan l-artikolu ma japplikax ghall-kostituzzjoni ta' xi jedd fuq, jew tnehhija jew trasferiment ta' xi beni li jsir fuq ordni tal-qorti.*

*(4) Meta l-mandat ikun notifikat kif imiss, kull obbligazzjoni msemmija fis-subartikolu (1)(c) li ssir wara din in-notifika minn dik il-parti fiz-zwieg li kontra taghha jkun inhareg il-mandat favur il-persuna notifikata tkun nulla u minghajr effett, u dan bla hsara ghal xi responsabbiltà ghal xi disprezz ghall-awtorità tal-qorti skont dan il-Kodici.*

*(5) Il-parti taz-zwieg li kontra taghha jinhareg il-mandat kif ukoll kull socjetà msemmija fil-mandat u kull persuna li turi interess jistghu f'kull zmien b'rikors jitolbu lill-qorti biex tirrevoka jew tibdel il-mandat taht dan l-artikolu.*

## III. Konsiderazzjonijiet

**Mill-formola li adoperat ir-rikorrenti sabiex titlob il-hrug tal-Mandat tal-lum, u skond id-dikjarazzjoni li ghamlet id-difensur tar-rikorrenti fl-udjenza tas-16 ta` Gunju 2015, jirrizulta kjarament li r-rikorrenti ressqet l-istanza taghha tal-lum mhux fuq l-Art 873 tal-Kap 12, bir-rekwiziti stretti ta` dak l-artikolu, lanqas fuq l-Art 874 tal-Kap 12, izda fuq l-Art 876 tal-Kap 12 li ghandu l-parametri tieghu.**

Il-parametri tal-Art 876 tal-Kap 12 huma dawn :-

**1)** It-talba ghall-hrug tal-Mandat trid issir meta parti fiz-zwieg tkun ghamlet jew tkun se taghmel quddiem il-Qorti Civili kawza ghal separazzjoni personali :

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li r-rikorrenti bdiet il-procedura tas-separazzjoni personali kontra zewgha l-intimat, tant li l-partijiet jinsabu fl-istadju ta` medjazzjoni.

Dan il-fatt mhuwiex kontestat mill-intimat.

**2)** It-talba trid tirrigwarda :-

**a)** it-trasferiment mill-parti l-ohra fiz-zwieg ta` ishma f`xi socjeta` kummercjali jekk dawk l-ishma jkunu jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti :

Fil-kaz tal-lum, it-talba tar-rikorrenti tolqot din il-materja.

**b)** socjeta` fejn il-maggoranza tal-ishma jkunu tal-komunjoni tal-akkwisti dwar it-tnehhija ta` dawk l-ishma :

Fil-kaz tal-lum, it-talba tar-rikorrenti ma tolqotx din il-materja.

**c)** lill-parti l-ohra fiz-zwieg fejn si tratta ta` dejn jew garanzija li tkun ta` piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti :

Fil-kaz tal-lum, it-talba tar-rikorrenti tolqot din il-materja.

Kostatati r-rekwiziti tal-azzjoni skond l-Art 876 tal-Kap 12, il-Qorti tirrileva :

**i)** Illi jekk il-hsieb tar-rikorrenti kien li zzomm lill-intimat milli jittrasferixxi *inter vivos* b`titolu oneruz jew gratuwitu xi propjeta` mmobbli appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti, allura l-istanza taghha ma tistax tirnexxi, ghaliex istanza ta` dik ix-xorta tohrog barra ghal kollox mill-binarji tal-Art 876 tal-Kap 12. Jekk ir-rikorrenti trid tolqot it-trasferiment futur mill-intimat ta` beni tal-komunjoni tal-akkwisti li ma humiex imsemmija fl-Art 876 tal-Kap 12, allura trid tagixxi diversament.

**ii)** Illi din il-Qorti trid tipprovdi strettament fuq it-talba li saritilha.

**iii)** Illi l-fatt li r-rikorrenti ma kenitx aktar specifika fid-dettalji tat-talbiet m`ghandux ifisser illi t-talbiet kif dedotti huma kolpiti minn irritwalita`. Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, ir-rikorrenti tramite d-difensur taghha ddikjarat li sakemm sabet li zewgha kellu relazzjoni ma` haddiehor barra z-zwieg hija kienet tafdah f`kollox inkluz fl-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ; ghalhekk ma kenitx fil-qaghda li tghid minn liema beni kienet kostitwita l-komunjoni tal-akkwisti. Mhuwiex il-kompitu ta` *din* il-Qorti illi tghid jekk il-pretensjoni tar-rikorrenti kif dedotta hijiex fondata nkella le fil-mertu. Dak l-accertament se jsir certament fil-kors tas-smigh tal-kawza ta` separazzjoni personali.

**iv)** Ghalkemm fir-risposta, l-intimat isostni li ma jippossjedi xejn mill-beni ndikati fl-ewwel talba, il-Qorti sejra xorta wahda takkorda t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti ; jekk fit-trattazzjoni tal-kawza ta` separazzjoni personali, se jirrizulta li l-intimat ma jippossjedi xejn minn dak li r-rikorrenti talbet li jinzamm milli jittrasferixxi jew li jghabbi b`xi piz, allura dak ifisser li r-rikors tal-lum u l-hrug tal-Mandat se jkunu saru inutilment u eventwalment ir-rikorrenti tkun trid tbati l-ispejjez relattivi. Jekk pero` sejjer jirrizulta li l-intimat jippossjedi beni tax-xorta ndikati mir-rikorrenti, li allura kienu jiddettaw mizuri kawtelativi bhal ma huwa l-hrug tal-Mandat, hemm il-procedura tentata mir-rikorrenti ma tkunx saret inutilment. Kull parti trid taghraf terfa` sal-ahhar il-piz ta` kull procedura li jidhrilha opportuna biex thares id-drittijiet taghha.

**v)** Riferibbilment ghax-xorta ta` procedura tentata mir-rikorrenti, din il-Qorti tghid illi l-fattur tal-*pregudizzju rrimedjabbli* mhuwiex rekwizit ghall-hrug ta` Mandat ta` din ix-xorta ; kif del resto mhuwiex kriterju ghall-fini tal-Art 874 tal-Kap 12. Ghalhekk l-argument li gab l-intimat fir-risposta tieghu huwa legalment insostenibbli.

**In konkluzjoni,** din il-Qorti tirrileva illi r-rikorrenti ghandha kull jedd li bil-mod l-aktar idoneju u effettiv ghad-disposizzjoni taghha tikkawtela il-jeddijiet taghha kontra l-intimat.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti u konsegwentement qeghda tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni hekk kif strettament mitlub mir-rikorrenti. L-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali fil-proceduri ta` separazzjoni personali bejn il-partijiet.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------